MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1018/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Retina Telecommunications Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' Lm2419.31 (elfejn, erba' mija u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) minnha dovuta skond il-ligi (Avviz Legali 219 u 220 ta' l-1998) ghal servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekommunikazzjoni provduti mis-socjeta' mittenti bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru, 2001 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament illi "Retina Telecoms" mhiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

**2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u dan ghal diversi ragunijiet, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;**

**3. Fit-tielet lok ikun opportun illi s-socjeta' attrici tesebixxi dokument dettaljat ta' l-ammont li qed jintalab;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti prodotti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi l-ammont minnha indikat fl-avviz odjern ghal servizzi ta' approvazzjoni ta' tip rigwardanti taghmir ta' telekomunikazzjoni allegatament provdut mill-istess socjeta' attrici;**

**2. Illi pero' s-socjeta' konvenuta issostni li dan l-allegat servizz effettivament ma giex ipprovdut lilha la fil-frekwenza allegata mis-socjeta' attrici u lanqas ghall-oggetti minnha indikati stante li s-socjeta' konvenuta ma importatx il-maggor parti ta' l-oggetti indikati;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-korrezzjoni datata is-17 t'Ottubru tas-sena 2002 u ta' l-irtirar ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-fatt li s-socjeta' attrici ma pprovatx it-talbiet taghha skond il-ligi, din il-qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta u tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**